**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 75**

14 ta' Marzu 2024

Il-ħamsa u sebgħin (75) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat — Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 75.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

75.1.1. Is-Sindku ressaq ittra t'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku AD li nforma li ma setax jattendi minħabba li kien jinsab ma jiflaħx. Il-Kunsill laqa' l-apoloġija.

### 75.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

75.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tal-erbgħa u sebgħin (74) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

75.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (SSH, JAE, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

75.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 74.2.4 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li l-Kunsill kien informat mil-Pulizija li tad-Depot kienet ġiet approvata minkejja li l-Kunsill ma kienx ġie nformat b'dan.

75.2.3.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk tistax tintbagħat tfakkira għall-oħra. Il-Kunsill qabel.

75.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 74.2.5 rigward id-dawl u r-rifletturi tad-dawl bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-Phoenicia Hotel.

75.2.4.1. Il-Kunsilliera SSH informat li l-kuntrattur kien mar fuq il-post u kkonferma li m'hemmx demarcation box. Għalhekk ippropona li l-Kunsill ikellem lill-Enemalta sabiex jara x'jista' jsir.

75.2.4.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li hija kienet ikkonfermat li dawn lanqas kienu jidhru fil-mappa tad-dwal tal-lokalità.

75.2.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jissottometti applikazzjoni mil-ġdid mal-Enemalta.

75.2.4.4. Il-Kunsill qabel li japplika wkoll għar-rifletturi ta' mal-art.

75.2.4.5. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li ssir vleġġa fejn hemm it-traffic island ħalli min ma jkunx midħla tal-akwata, ikollu gwida aħjar ta' fejn għandu jmur.

75.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 74.2.6 rigward it-tabelli tal-*iscooters* fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta minn Ambjent Malta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

75.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 74.2.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-marki li hemm mas-siġar tal-Masġar tal-Ġublew. Is-SE qal li ma kienx hemm żvilupp. Il-Kunsillier JAE talab li terġa' tintbagħat tfakkira.

75.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 74.2.8 rigward il-Wifi taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Is-SE spjega li qed jistenna mingħand l-għaqdiet sabiex jara jekk għandhomx il-Wifi attivat.

75.2.8. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-Fosos. Il-SE qal li kien reġa' bagħat korrispondenza biss għad ma kienx hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

75.2.8.1. Is-SE qal li matul il-laqgħa, il-Kunsill għandu jesiġi li la l-Fosos jidher li m'huma devoluti lil ħadd allura għandhom jiġu trattati bħal kull pjazza oħra fil-lokalità u japplikaw l-istess kundizzjonijiet li l-Kunsill japplika għall-użu ta' pjazez oħra.

75.2.8.2. Il-Kunsillier JAE qal li għandu jkun hemm ir-riżorsi biex il-Fosos jinżammu fi stat sew u li għandhom jingħataw lill-Kunsill fi stat tajjeb.

75.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 74.4.1 rigward il-kamera ta' Bieb il-Bombi. Is-SE qal li ma kienx hemm żvilupp dwar dan.

75.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 47.4.2 rigward il-planters ta' ħdejn l-istatwa ta' San Publju fi Triq San Publju kantuniera ma' Triq il-Miratur. Is-SE nforma li dik il-ġimgħa kienet ġiet konkluża is-sejħa għall-offerti tas-soft areas u għalhekk għandu jibda' x-xogħol appena jkun iffirmat il-kuntratt.

75.2.10.1. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li jsiru l-istess bħal ta' fuq iz-zuntier ħalli jkun hemm konsistenza. Il-Kunsill qabel li għandu jara minn fejn ġew ordnati.

75.2.10.2. Is-Sindku għamel riferenza għal siġra mogħtija mid-Dipartiment. Is-SE qal li għandu jkellem lill-kuntrattur dwar din sabiex jara fejn tista' titħawwel.

75.2.11. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materji nru 47.4.6 rigward il-kameras tal-LESA. Is-SE qal li l-kameras kienu twaħħlu fi tliet postijiet differenti u l-Kunsill għandu jiffirma l-kuntratt mal-LESA fil-ġranet li ġejjin.

75.2.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja nru 74.4.9 u staqsiet jekk kienux ġew ordnati it-tabelli tal-qniefed sabiex jitwaħħlu ħdejn il-Housing Estate. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-ħaddiema manwali biex dawn jitwaħħlu minnufih.

75.2.13. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-bankijiet li kellhom jitwaħħlu f'Haywharf. Is-SE qal li ġab kwotazzjonijiet oħrajn minħabba li jidher li l-kuntrattur li ordna mingħandu ma kienx għadu qed jopera.

## 75.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

75.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li bħalma jsir qabel kull elezzjoni, għandu jitneħħa l-aċċess għall-Facebook tal-Kunsillieri sabiex il-paġna tal-Kunsill tiġi amministrata mill-amministrazzjoni tal-Kunsill sakemm tiġi eletta l-leġiżlatura l-ġdida. Il-Kunsill qabel.

75.3.2. Is-Sindku qal li eks membru tal-Kunsill kien kiteb fuq Facebook li kien hemm xi membri tal-Kunsill preżenti li informawh li ma kienux qed ikunu mistednin għal-laqgħat mal-organizzaturi. Huwa kompla billi qal li dan ma kienx minnu u ta eżempju tal-aħħar attività ta' St Patrick's fejn għaż-żewġ laqgħat li saru kienu mistiedna l-kunsillieri kollha.

75.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Arċipriet li talab li ssir laqgħa dwar il festa titulari. Il-Kunsill qabel li jsejjaħ laqgħa mal-istakeholders kollha involuti fil-festa.

75.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Gazzetta Il-Furjana fejn offrew lill-Kunsill jirreklama għall-prezz ta' €326. Il-Kunsill approva.

75.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena li talbu permess biex jitpoġġew xi mwejjed u siġġijiet taħt il-loġoġ nhar is-16 ta' Marzu 2024. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jiġu provduti d-dettalji kollha. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk għad hemm bilanċ, jistgħu jintużaw il fondi tal-gwardjani lokali u l-pulizija għall-ispiża tal-uffiċjali tal-Pulizija għal din l-attività.

75.3.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jibgħat ittra lill-għaqdiet lokali sabiex jinformahom b'dan il-fond u jitlob lil min hu interessat japplika ħalli jkunu jistgħu jitqassmu dawn il-fondi.

75.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li nformaw bl-iskema għall-attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema bl-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

75.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn informaw lill-Kunsill bil-programm mużikali li ser jittella' għall-okkażjoni tal-festa kif ukoll b'xi arranġamenti li hemm bżonn li jsiru bħaċ-ċaqliq ta' xi planters. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni iżda qabel li għandu jinformahom li għandhom ir-responsabbiltà li ma ssirx ħsara u li għandhom jieħdu ħsieb li wara jerġgħu jitpoġġew f'posthom.

75.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa tal-Armar ta' Barra fejn informaw li l-erba' ganċijiet fl-art li kellhom isiru kienu baqgħu ma sarux. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-Perit u lill-kuntrattur sabiex dawn isiru.

75.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn talbu assistenza fuq il-post minn fejn jinħaraq in-nar pirotekniku nhar il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

75.3.11. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand żewġ entitajiet sabiex jingħataw għajnuna finanzjarja mill-fond tal-kultura: l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta ser jorganizzaw kunċert li jixxandar fuq ix-xandir nazzjonali u l-Kappella San Publju ser jorganizzaw purċissjoni b'erba' statwi żgħar. Il-Kunsill qabel li għandu jinkludihom fil-fond offrut mir-Reġjun.

75.3.12. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fsobians fejn offrew lill-Kunsill jissottometti n-nominazzjonijiet tiegħu għall-Premju Tonna Trophy. Il-Kunsill seta' jissottometti n-nominazzjonijiet tiegħu sat-Tnejn ta' wara u għalhekk kien hemm qbil li min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għandu jissottometti l-proposta tiegħu lis-SE sa dakinhar.

75.3.13. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Youth Nursery fejn ipproponew li l-Kunsill jorganizza b'mod konġunt magħhom il-Presentation Night fit-22 ta' Ġunju 2024. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €450.

75.3.14. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-organizzaturi tal-mixja tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Puttinu Cares fejn talbu l-assistenza tal-Kunsill għad-dawl u l-mobile toilets dakinhar tal-mixja. Il-Kunsill qabel li għandu joffri l-assistenza tiegħu.

75.3.15. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni għall-billboard li ntrama bla permess tal-Kunsill.

75.3.16. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Transport Malta rigward *humped belisha crossing* fi Pjazza San Kalċidonju. Il-Kunsill innota dan.

75.3.17. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Floriana Senior Citizens sabiex il-Kunsill jikkunsidra jalloka tliet spazji ta' parkeġġ li jkunu riservati esklussivament għat-tobba li jkunu fuq viżti fid-djar. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma qabilx primarjament minħabba l-abbuż li normalment isir meta jiddaħħlu tali konċessjonijiet.

75.3.18. Is-Sindku ressaq talba biex isiru żewġ Artisan Markets fil-Biskuttin wieħed f'Ġunju u l-ieħor f'Settembru. Il-Kunsill ma qabilx għax f'Ġunju ser ikun hemm l-elezzjonijiet. Il-Kunsill qabel li minflok f'Settembru għandu jiġi organizzat f'Ottubru bħala parti mill-attivitajiet ta' Ġenna ta' Ġonna.

75.3.19. Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għall-korsijiet tal-fitness għall-anzjani. Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos offerta li tammonta għall-€5767 f'sena.

75.3.20. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm risposta mingħand is-Segretarju Parlamentari rigward il-whiteboard interattiv offrut minnha għaċ-ċentru tal-anzjani. Is-Sindku talab li tintbagħat tfakkira.

## 75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

75.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa rigward is-sinjali tat-tabelli fi Triq Sant'Anna u Triq Nazzjonali. Is-SE qal li l-aħħar tweġiba kienet li dawn is-sinjali kienu saru biss sa dakinhar kien għadu

ma ra l-ebda sinjali. Il-Kunsillier JAE talab li terġa' tintbagħat tfakkira u talba għal indikazzjoni ta' fejn saru s-sinjali li semmew li saru.

75.4.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-kanċell miftuħ fix-xelters tas-sur u talab li l-Kunsill jieħu ħsieb li dan il-kanċell jingħalaq. Il-Kunsill qabel li jitlob li dan jingħalaq.

75.4.3. Is-Sindku nforma li x-xogħol fuq il-Funtana tal-Iljun kien miexi u jinsab informat li biex jitkompla l-istadju li jmiss tax-xogħol ser ikun hemm bżonn li tingħalaq parti mil-karreġġjata. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha.

75.4.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li qed isir fi Triq l-Imħażen u staqsa jekk kienx hemm indikazzjoni ta' meta kien ser jitlesta. Huwa qal li nnota li bix-xogħol qegħda tintlaqat il-bankina u fakkar li din il-bankina kienet skedata. Huwa talab li l-Kunsill jitkellem mal-Perit u mal-kuntrattur biex ifakkar li dawn kienu skedati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

75.4.4.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm parti minn Triq is-Suq li għandha bżonn tinqala' u qalet li kienet rat perit tal-Heritage Malta tieħu r-ritratti tal-bankini.

75.4.4.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li dakinhar kienet inqalgħet bankina ta' ħdejn il-Housing għax kien hemm xi ħsara fid-dawl.

75.4.5. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-Malta Fashion Week. Is-SE qal li hu kien wieġeb li l-Kunsill kien qed jitlob li jiltaqa' miegħu iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

75.4.6. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi tibdiliet fl-iskeda tal-ġabra tal-iskart minħabba li kellha diversi ilmenti. Is-SE qal li kien informat li kien inbidel ix-xufier li kien jagħmel ir-rotta qabel. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma mar-Reġjun x'ħin suppost jinġabar l-iskart fil-lokalità.

75.4.7. Il-Kunsilliera JP staqsiet meta jikinsu l-kenniesa x'boroż qed jużaw. Is-SE qal li kien kellem lill-kuntrattur biex ma jitfgħux boroż ma' dawk tar-residenti.

75.4.7.1. Il-Kunsill iddiskuta diversi nuqqasijiet u lmenti li jikkonċernaw is-servizz tal-knis, u l-miżuri li qegħdin jittieħdu dwar dawn in-nuqqasijiet.

75.4.8. Il-Kunsilliera JP talbet li jkun hemm titjib fis-sistema tal-immaniġjar tat-traffiku fi Pjazza Emanuel S. Tonna. Il-Kunsill qabel li għandu jwaħħal tabella ta' "no right turn" ħdejn it-Torri ta' Wignacourt sabiex jiġu evitati aċċidenti tat-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ukoll continuous white line.

75.4.9. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jistax jikkuntattja lil min hu responsabbli rigward il-ħajt li hemm maġenb il-Phoenicia Hotel biex issirlu manutenzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntattja lill-hotel kif ukoll lill-Pulizija.

75.4.10. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm bżonn ta’ manutenzjoni tal-kongi fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Il-Kunsill qabel.

75.4.11. Il-Kunsillier JAE talab li l-Kunsill jirsisti mal-kuntrattur il-ġdid rigward il-planters li hemm fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Il-Kunsill qabel.

75.4.12. Il-Kunsilliera SSH talbet li tinġibed l-attenzjoni tal-Istitut Kattoliku rigward il-boroż li qed joħorġu fi ġranet ħżiena. Is-SE talab li r-ritratti għandhom jintbagħtu mill-ewwel lill-Pulizija. Il-Kunsill qabel li tinġibed l-attenzjoni tal-Istitut Kattoliku sabiex jitkellem mal-barman.

75.4.13. Is-Sindku għamel riferenza għall-ġibjun li hemm ħdejn il-Floriana Senior Citizens. Huwa qal li l-idea għall-quddiem hi li jsirlu d-dawl sabiex dan il-ġibjun isir attrazzjoni.

75.4.14. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex xi korrispondenza mingħand Stephen Tonna rigward il-ktieb. Is-Sindku s-SE kkonfermaw li sa dakinhar kien għad m’hemmx korrispondenza relatata.

## 75.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati

75.5.1. Ma kienx hemm rapporti ta’ laqgħat ta’ kumitati u/jew sottokumitati.

## 75.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

75.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 58/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

75.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 75.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tas-Sena 2023

75.7.1. Is-SE fetaħ il-materja billi ppreżenta d-dikjarazzjonijiet finanzjarji għas-sena 2023. Il-Kunsill approva d-dikjarazzjonijiet b’mod unanimu.

## 75.8 Mozzjonijiet

**Mozzjoni 1**

*Nipproponi biex il-piċċ il-kbir li jinsab fi Ġnien Re Ġorġ V jissemma għall-memorja ta' Mark Piscopo, il-Lullu. Il-piċċ jaqdi numru ta' funzjonijiet sportivi, iżda primarjament l-għan tiegħu jintuża għall-futbol, l-isport li Mark kien tant involut u baqa' maħbub għall-ħidma tiegħu f'dan is-settur, mhux biss mal-Furjaniżi iżda wkoll ma' dawk kollha involuti f'dan l-isport anki f'kuntest nazzjonali.*

(Proponent – James Aaron Ellul, Minority Leader; Sekondant – Justine Palmier, Kunsillier)

Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju b'mod unanimu.

Is-SE żied jgħid li riċentement kien kellem lill-Perit sabiex jikkonferma mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-bilanċ eżistenti fil-UIF Funds. Huwa qal li għandu jibgħat lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill ikun eventwalment jista' jirranġa dan il-piċċ b'dawn il-fondi.

## 75.9 PERSONAĠĠI BANNERS ĠIEĦ IL-FLORIANA

75.9.1. Il-Kunsill iddiskuta l-personaġġi li għandhom jingħataw ġieħ dakinhar ta' Ġieħ il-Floriana. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-personaġġi ta' din is-sena għandhom ikunu:

Ray Farrugia iż-Żażu
Denis Cauchi
Peppi Azzopardi
Alfred Mansueto
Davina Sammut Hili
Joan Abela

## 75.10 ĠIEĦ IL-FLORIANA

75.10.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li Ġieħ il-Floriana jingħata lill-Prof. Henry Frendo.

**Nota: 19:12 Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.**

## 75.11 APPROVAZZJONI TA' MEMOS

75.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li qed jipproponi li jiġu approvati l-memos interni relatati ma' St Patrick's Day, il-kwotazzjoni tal-kċina tal-uffiċċju amministrattiv u al-memo tal-parroċċa. Il-Kunsill qabel li jiġu formalment approvati dawn il-memos interni.

75.12 **TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

75.12.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:25 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 17 t'April 2024 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' April 2024**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |